# Ħamsin Sena Wara l-1956

Is-sena l-oħra (2005) il-Kolleġġjata Elenjana fakkret it-375 anniversarju mill-jum memorabbli tat-twaqqif tagħha (5.xii.1630). Id-dokument Papali ta' Urbanu VIII "Sacri Apostolatus Ministerio" kien u jibqa' ta' importanza enormi fl-istorja ta' Birkirkara, waħda mill-eqdem u fit-termini ta' estensjoni, l-akbar parroċċa tal-gżejjer Maltin. Saru ċelebrazzjonijiet b'tifkira ta' kull xorta u jibqgħu imfakkra minn bosta minħabba li fihom kienu nvoluti ekklesjastiċi u lajċi minn diversi oqsma. Fil-ġurisprudenza rotali din il-Bolla Pontifiċja ġiet dejjem rispettata f'kull kwestjoni li nqalgħet matul is-snin u xejn anqas mill-Qrati Maltin ukoll dawk ta' l-Appell.

Is-sena 2006 hi wkoll għażiża għax ħamsin sena ilu u preċiżament fil-15 ta' Marzu 1956, il-Kapitlu Elenjan f'għodwa tal-Ħamis filgħodu wara t-tokki tal-qanpiena l-kbira, iltaqgħu it-tnax kapitulari fil-Bażilka. Ġiet imqaddsa quddiesa ta' l-Ispirtu s-Santu u fi tmiemha, il-Kapitulari, inkluż il-Prepostu Emanuel Vella, (li llum ma jinsabux aktar magħna), liebsa l-abiti korali kantaw il-Veni Creator Spirtus, u mmexxija mill-Mazzier Ninu Pisani telgħu fl-Awla Kapitulari biex skond l-Istatuti approvati mill-Papa Urbanu, jeżerċitaw privileġġ li dejjem tgawda sa mill-qedem u li hu konness ma' l-għażla tal-kandidati biex jimlew il-ħames prebendi battala

Għal diversi snin, dan il-privileġġ gie miċħud permezz ta' Digriet tas-S.C.C. ta' l-10 ta' April 1939, minħabba li l-Kapitlu ma kkonformax ruħu fiż-zmien stipulat, ma' ċerti esiġenzi mitluba minn Ruma, konnessi ma' l-ammont annwu tal-prebendi kapitulari. Fl-intervall il-kanonikati li saru di libera collazione, ġew mogħtija mill-Awtorità li dejjem tablet il-kunsens tal-Kapitlu dwar il-persuna magħżula. Il-Kapitlu dejjem ta il-kunsens tiegħu bla preġudizzju għad-drittijiet u privileġġ kontemplati mill-Bolla u l-Istatuti

**Roma locuta est**

Wara snin ta' stennija u maltemp, billi l-każ ta' Birkirkara ġie riferit Ruma, beda jżernaq żmien ġdid. Fl-1950, il-Kolleġġjata tagħna ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilka Minuri mill-Q.T. Papa Pacelli. Wara ndħil personali ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi nnifsu, li xejn ma



kien kuntent bis-sitwazzjoni ta' Birkirkara, f'parroċċa ta' tant kobor, il-Kongregazzjoni tal-Konċilju P. n. 1032/D fid-19 ta' April 1955, b'digriet iffirmat mill-Kardinal Ciriaci bħala Prefett u l-Prelat Francesco Roberti bħala Segretarju ikkonċediet ir-ripristino tal-giuspatronato secondo le tavole di Fondazione. Il-Kapitlu li flimkien mas-Societa' Dun Filippo Borgia bħala rappreżentanta tal-poplu ferħu u l-Awtorità Ekklesjastika lokali nfisha kienet sodisfatta li kollox ġie għan-normal

Mill-ewwel ġew publikati l-editti, ffirmati mill-Kanċellier Dun Anton Mallia Borg u l-Preminent Il-Prepostu Emanuel Vella u bis-siġill ġew imqassma fil-parroċċI kollha li darba kienu jagħmlu parti minn Birkirkara u fil-Kurja ta' l-Arċisqof. Kien hemm diversi konkorrenti li fid-data ffissata ppreżentaw ir-rikorsi tagħhom mogħnija b'dettalji u dokumenti li jsaħħu t-talba tagħhom. Dawn ġew ippreżentati fuq il-mejda u wara li nqraw ir-regolamenti u l-prassi tas-soltu, infetħu l-applikazzjonijiet ta' kull konkorrent u saret il-votazzjoni sigrieta permezz tal-boxxlu għal kull wieħed mit-tnax-il kapitulari preżenti. Ġew magħżula il-Kanonku Onorarju Dun Gwann Micallef, Dun Manwel Grech li kien

iċ-Ċeremonier tal-Kapitlu, Dun Anton Mallia Borg, is-Segretarju tal-Kapitlu u Dun Pawl Gauci li bħal ta' qablu kien kappillan tal-kor.

Dak inhar stess il-Kan. Dun Karm Bezzina li nħatar Aġent Kanċellier, (għax Dun Anton kien wieħed mill-konkorrenti u ma kienx preżenti għas-Sessjoni Kapitulari), wassal lil dawk magħżula b'dokument fejn huma ntalbu li jirrikorru l-Kurja ta' l-Arċisqof biex jitolbu l-Istituzzjoni Kanonika u jagħmlu s-solita stqarrija tal-Fidi. Il-ħames prebenda battala, dik tat-Teologu kellha titħalla skond il-Fondazjoni Pierina għal tlett xhur wara kif de facto saret, meta ġie magħżul Dun Anton Mallia li ġie mogħti l-istituzzjoni Kanonika jew il-pussess tat-Teologu qrib il-Festa titulari.

L-għażla tal-persuni li kienu ser jimlew il-kanonikati battala ferrħet il-poplu kollu u riedu jagħmulhom festa waħda, bis-sehem taż-żewġ baned karkariżi. Waħda tellgħethom mill-Knisja Filjali ta' San Pawl u l-oħra niżżlithom għas-sede taċ-¬irklu San Pietru (Triq il-Kbira) fejn kien hemm riċeviment għal kull min ried jattendi. Kien ġie magħżul il-Vigarju Ġenerali Mons Isqof Emanuel Galea li kien assistit mill-Kanonċi Dun Ġakbu Micallef u Dun Karm Pirotta.

Iċ-ċerminonja kienet tikkonsisti fil-qari tad-digriet tal-Kurja minn Dun Anton Borg għall-Kanċellier Djoċesan u l-Isqof Galea libbes lil kull wieħed mill-kanonċi eletti, bl-ilbies korali rukkett u kappamanja wara li libbishom iċ-ċurkett u s-salib pettorali. Imbagħad wara li ffirmaw id-dokumenti quddiem ix-xhieda, l-Isqof tahom is-sedja tagħhom fil-kor u dik fl-Awla Kapitulari, fejn jiltaqgħu il-kanonċi jiddiskutu l-problemi u l-aġenda tal-Kapitlu. Wara li niżlu u marru fil-kor, l-aktar anzjan Dun Gwann, libes il-kappa (il-pluvjal) u intona it-Te Deum. Wara sar l-abbraccio mal-kapitulari l-oħra li issa kienu saru l-kollegi tagħhom.

Minn dawn il-ħamsa tas-sena 1956, tnejn minnhom, il-Kan Dun Ġwann u Kan Dun Manwel Grech għaddew għal ħajja oħra wara bosta snin jaqdu dmirhom fil-Kolleġġjata, fir-reċita korali ta' kuljum u fis-servizzi l-oħra skond l-uzu tal-parroċċa, inklużi l-funzjonijiet liturġiċi matul is-sena kif ukoll id-dmirijiet pastorali.

Dawk li baqgħu ħajjin, kull wieħed iħoss li għandu jtenni għal darb'oħra kliem is-Salmi: "it-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni"

1 ta' Frar 2006

**Kan. Dun Anton Mallia Borg**